MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 557/2003

**C. Fino & Sons Limited**

**vs**

**S.M. Developments Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici C.Fino & Sons Limited kriet il-fond "Frezza Building", Notabile Road, Mriehel,konsistenti f'showroom b'ufficju u zewg garages sottostanti lis-socjeta` konvenuta S.M. Developments Ltd. permezz ta' skrittura privata datata s-sebgha u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (27/08/2001) (kopja annessa mac-citazzjoni u markata bhala Dok. "A");

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ ghaxart elef, tliet mija u hamsin lira Maltija (Lm10,350) bhala kera inkluz vat: in kwantu ghal erbat elef sitt mitt lira Maltija (Lm4,600) bhala bilanc ghall-iskadenzi

ta’ l-ewwel ta’ Settembru tas-sena elfejn u tnejn (01/09/2002); u in kwantu ghal hamest elef, sebgha mija u hamsin lira Maltija (Lm5,750) ghall-iskadenza ta’ kera ta’ l-ewwel ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (01/03/2003);

Illi skond il-kuntratt lokatizju s-socjeta` attrici ghandha d-dritt tittermina l-lokazzjoni u tirriprendi l-pussess tal-fond lokat jekk is-socjeta` konvenuta tonqos li thallas il-kera fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata minn interpellazzjoni ghall-hlas bil-miktub b’ittra registrata (ara Klawsola 10.01 u Klawsola 10.02 tal-Kuntratt Dok. “A” anness mac-citazzjoni);

Illi s-socjeta` attrici interpellat lis-socjeta` konvenuta biex thallas il-kera permezz ta’ ittra ufficjali datata l-erbgha u ghoxrin ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (24/03/2003) debitament notifikata, izda s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) biex il-kawza tigi trattata bid-dispensa tas-smigh stante li safejn hu maghruf is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talbiet tas-socjeta` attrici kif jidher mill-affidavit anness mac-citazzjoni (Dok. “C”);

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smigh tal-kawza, u dana skond l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tizgombra mill-fond “Frezza Building”, Notabile Road, Mriehel, prevja d-dikjarazzjoni tat-terminazzjoni tal-lokazzjoni Dok. “A”, u dana fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefiggi dina l-Qorti;

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm10,350 bhala kera inkluz

vat: in kwantu ghal Lm4,600 bhala bilanc ghall-iskadenza ta’ l-1 ta’ Settembru 2002; u in kwantu ghal Lm5,750 ghall-iskadenza ta’ l-1 ta’ Marzu 2003.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-24 ta’ Marzu 2003, tal-Mandati ta’ Qbid u ta’ Sekwestru prezentati kontestwalment mac-citazzjoni, u bl-imghax legali mid-dati ta’ l-iskadenza tal-kirjiet, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Paul Bonnici u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------